MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Talba Numru. 1/2009

Mario Saliba
vs
Carmel Scicluna ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Anew Life Malta Ltd. (C39560)
It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-6 ta’ Jannar 2009, li jghid hekk :

‘Illi s-socjeta’ konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrent Mario Saliba s-somma ta’ hames mija u tnejn u tmenin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€582.25) dovuti lir-rikorrent bhala hlas ghal servizz ta’ lezzjonijiet ta’ *personal training* moghtija mir-rikorrent fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta fix-xhur ta’ Frar, Marzu, April u Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 bin-numru 761/2008, u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni.'

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament innotifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fid-19 ta' Jannar 2009, la deher ebda rapprezentant taghha u lanqas ma giet ipprezentata risposta.

Fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2009, sama' lill-attur Mario Saliba li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu.

Fl-udjenza tat-18 ta' Marzu 2009, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, wara li l-attur ipprezenta rendikont tal-hlas minnu pretis, u fl-udjenza tat-2 ta' Marzu 2009, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut nomine wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut nomine.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tal-attur, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u tnejn u tmenin Euro u hamsa u ghoxrin centezmi (€582.25), ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' *personal training* resi mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, bl-imghax legali fuq din is-somma b'effett mid-data tal-ittra ufficjali sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi wkoll tal-ittra ufficjali numru 761/2008, kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------